

Brussell, 6 ta' Diċembru 2016  
(OR. en)

15046/16

LIMITE

ENV 748  
COMPET 629  
IND 258  
RECH 338  
ECOFIN 1138  
ECO 78  
SOC 760  
SAN 419  
CONSOM 296  
MI 765  
CHIMIE 72  
ENT 220

**NOTA**

|                              |                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                        | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                              |
| lil:                         | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Nru. dok. preċ.:<br>Suġġett: | 13788/4/16 ENV 681 COMPET 550 IND 224 RECH 299 ECOFIN 967<br>ECO 70 SOC 650 SAN 369 CONSOM 260 MI 669 CHIMIE 63 ENT 197<br>REV 4<br>Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem<br>u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi<br>- Adozzjoni |

1. Skont l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni pprogrammat evalwazzjoni REFIT tar-REACH, kif ukoll kontroll tal-idoneità tal-leġislazzjoni kollha tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi minbarra r-REACH.
2. Madanakollu, f'għadd ta' inizjattivi u dokumenti oħra bl-għan li jitjieb l-acquis tal-UE f'termini ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi, bħal approċċ strateġiku għat-tniġġis tal-ilma minn sustanzi farmaċewtiċi, ir-rapport dwar il-valutazzjoni ta' taħlitiet kimiċi jew ir-rieżami tar-Regolament dwar il-prodotti kożmetiċi fir-rigward ta' sustanzi bi proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali, il-Kummissjoni naqset milli tagħxi fil-ħin.

3. Barra minn hekk, l-eżitu ta' għadd ta' konferenzi internazzjonali reċenti, bħas-70 sessjoni tal-AĠNU li adottat l-Aġenda 2030, it-2 sessjoni tal-Assemblea Ambjentali tan-NU tal-UNEP, id-69 sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa u l-Konferenza Habitat III tan-NU, kellu wkoll impatt fuq l-aġenda internazzjonali fir-rigward tas-sustanzi kimiċi, is-saħħa u l-ambjent.
4. F'dan l-isfond, fil-31 ta' Ottubru 2016, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-“Ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi”<sup>1</sup>.
5. Fit-8 ta' Novembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, u fis-17 ta' Novembru 2016 reġa' ddiskutiehom abbażi ta' abbozz rivedut imħejji mill-Presidenza<sup>2</sup>. Fil-5 ta' Diċembru 2016 u wara tliet proċeduri informali ta' silenzju konsekuttivi dwar testi riveduti<sup>3</sup>, il-WPE laħaq qbil dwar it-test kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota u jibgħathom lill-Kunsill (Ambjent) sabiex jiġu adottati fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2016.

---

<sup>1</sup> Dok. 13788/16.

<sup>2</sup> Dok. 13788/1/16 REV 1.

<sup>3</sup> Dokumenti 13788/2/16 REV 2, 13788/3/16 REV 3 u 13788/4/16 REV 4.

**Il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi****- abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill -**

FILWAQT LI JENFASIZZA li s-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u li ħarsien tas-saħħa tal-bniedem huma objettivi ewlenin tal-UE, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 191(1) TFUE;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom jiġu integrati u li għandu jiġi assigurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u li implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-UE, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 11 u 168(1) TFUE;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-impenn li sar fis-Summit Dinji ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) fl-2002 u fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi li adottat l-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) fl-2006 f'Dubai, kif affermat mill-ġdid fid-Dokument ta' Eżitu ta' Rio+20 "Il-Futur li Rridu" fl-2012, li sal-2020 tinkiseb ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom u tal-iskart perikoluż f'modi li jwasslu għall-minimizzazzjoni tal-effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li tenħtieġ ħidma ulterjuri biex jiġi ssodisfat dan l-impenn;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-azzjonijiet u l-miri stabbiliti fil-kwistjonijiet emerġenti ta' politika u kwistjonijiet oħra ta' tħassib dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi identifikati fis-SAICM <sup>1</sup>;

---

<sup>1</sup> Is-sitt kwistjonijiet emerġenti ta' politika u ż-żewġ kwistjonijiet oħra ta' tħassib identifikati fis-SAICM huma: Iċ-ċomb fiż-żebgħa, Sustanzi Kimiċi fi prodotti, Sustanzi perikolużi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti elettriċi u elettroniċi, in-Nanoteknoloġija u n-nanomaterjali manifatturati, is-Sustanzi kimiċi li jfixxlu s-sistema endokrinale, Sustanzi farmaċewtiċi niġġiesa ambjentalment persistenti, Sustanzi kimiċi perfluworurati u t-transizzjoni lejn alternattivi aktar sikuri, u Pestiċidi perikolużi ħafna.

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-Aġenda 2030) u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-miri tagħha, adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) fil-25 ta' Settembru 2015, u FILWAQT LI JENFASIZZA b'mod partikolari l-impenji biex jiġu minimizzati sal-2020 l-impatti negattivi tas-sustanzi kimiċi u l-iskart kollu fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent billi tintlaħaq ġestjoni ambjentalment tajba tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom; jitnaqqas b'mod sostanzjali, sal-2030, in-numru ta' mwiet u mard ikkawżati minn sustanzi kimiċi perikolużi u t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija u l-kontaminazzjoni; u titjieb tal-kwalità tal-ilma permezz ta' tnaqqis tat-tniġġis, l-eliminazzjoni ta' dumping u jiġi minimizzat ir-rilaxx ta' sustanzi kimiċi u materjal perikolużi fl-ilma;

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Risoluzzjonijiet 1/5 u 2/7 dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart, kif adottati fl-1 u fit-2 Sessjoni tal-Assemblea dwar l-Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEA) f'Nairobi fis-27 ta' Ġunju 2014 u s-27 ta' Mejju 2016 rispettivament, u FILWAQT LI JENFASIZZA b'mod partikolari, il-viżjoni li tinkiseb ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u ta' skart perikoluż b'modi li jwasslu għall-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni ta' effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;

FILWAQT LI JFAKKAR fir-risoluzzjoni dwar ir-rwol tas-settur tas-saħħa fil-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi adottata fid-69 sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (Ġinevra, 23-28 ta' Mejju 2016) u d-dispożizzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi tad-dokument ta' eżitu adottati fil-Konferenza Habitat III tan-NU (Quito, 17-20 ta' Ottubru 2016);

FILWAQT LI JAFFERMA l-importanza tal-Konvenzjonijiet ta' Basel, ta' Rotterdam, ta' Stokkolma u ta' Minamata li jiżguraw il-ħarsien tal-bniedem u tal-ambjent fil-livell globali; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jitkomplew jiġu promossi u jissaħħu s-sinerġiji fost dawn l-istrumenti kif ukoll mas-SAICM; u FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jitħaffu l-proċessi ta' ratifika tal-Konvenzjoni ta' Minamata fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri sabiex il-Konvenzjoni tkun tista' tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-*acquis* tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi ġie modernizzat tul dawn l-aħħar għaxar snin, b'mod partikolari permezz tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) <sup>2</sup>, il-Klassifikazzjoni, l-Ittikketta u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (CLP) <sup>3</sup>, Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti <sup>4</sup> u Prodotti Bijoċidali <sup>5</sup>, u b'hekk jipprovdi għarfien essenzjali dwar il-proprjetajiet ta' periklu u r-riskji tas-sustanzi kimiċi kif ukoll bażi mifruxa ta' ħarsien, u b'hekk jikkontribwixxi għall-mira ta' 2020 tas-SAICM dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi;

FILWAQT LI JFAKKAR li biex jittejjeb l-*acquis* tal-UE f'termini ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi; il-Kummissjoni kienet mistennija li sa Settembru 2015 tiżviluppa kemm jista' jkun approċċ strateġiku għat-tniġġis tal-ilma minn sustanzi farmaċewtiċi <sup>6</sup>; sa Ġunju 2015, tippubblika r-rapport dwar il-valutazzjoni tat-taħlitiet kimiċi <sup>7</sup>; sa Jannar 2015, tagħmel rieżami tar-Regolament dwar il-prodotti kożmetiċi <sup>8</sup> fir-rigward ta' sustanzi bi proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali; u sa Ġunju 2013 tagħmel rieżami ta' REACH fir-rigward tal-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi bi proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali; u li l-Kummissjoni hija mistennija wkoll li sa Settembru 2017 tipproponi miżuri, fejn xieraq, biex jiġu indirizzati l-impatti possibbli fuq l-ambjent ta' sustanzi farmaċewtiċi;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (is-7 EAP) <sup>9</sup> u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li s-7 EAP, u l-implimentazzjoni tiegħu, għandhom jiġu bbażat fuq il-prinċipju prekawzjonali, il-prinċipji ta' azzjoni preventiva u ta' rettifika tat-tniġġis mis-sors u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas <sup>10</sup>;

---

<sup>2</sup> ĠUUE L 396, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> ĠUUE L 353, 31.12.2008, p. 1.

<sup>4</sup> ĠUUE L 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>5</sup> ĠUUE L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>6</sup> ĠUUE L 226, 24.8.2013, p. 1.

<sup>7</sup> Dok. 10923/12 - COM (2012) 252 final.

<sup>8</sup> ĠUUE L 342, 22.12.2009, p.59.

<sup>9</sup> ĠUUE L 354, 28.12.2013, p. 171.

<sup>10</sup> L-Artikolu 2(2) tas-7 EAP.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA d-deċiżjoni fis-7 EAP li sal-2018 tiġi żviluppata strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku li tkun mibnija fuq miżuri orizzontali, li twassal għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' sostituti sostenibbli, inkluż soluzzjonijiet mhux kimiċi, li tibni fuq erba' miżuri orizzontali li għandhom jittieħdu sal-2015 biex jiġu żgurati: (1) is-sikurezza ta' nanomaterjali manifatturati u materjali bi proprjetajiet simili; (2) il-minimizzazzjoni tal-espożizzjoni għal interferenti endokrinali; (3) approċċi regolatorji xierqa biex jindirizzaw l-effetti kombinati ta' sustanzi kimiċi u (4) il-minimizzazzjoni tal-espożizzjoni għal sustanzi kimiċi fi prodotti, inkluż fost l-oġġetti, prodotti importati, bil-għan li jkunu promossi ċikli ta' materjal mhux tossiku u li titnaqqas l-espożizzjoni ġewwa l-binja għal sustanzi ta' ħsara <sup>11</sup>;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex jiġi żgurat li, sal-2020, is-sustanzi kollha rilevanti ta' tħassib serju ħafna (SVHC), inkluż is-sustanzi bi proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali u li jagħtu lok għal livell ta' tħassib ekwivalenti, jitqiegħdu fuq il-lista tal-kandidati tar-REACH <sup>12</sup>;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar <sup>13</sup> għandha l-għan li twassal għat-tkabbir ekonomiku u t-trawwim tal-innovazzjoni, il-kompetittività, l-SME's u l-ħolqien tal-impjiegi, Suq Uniku tal-UE li jiffunzjona, u biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tal-UE jagħti valur miżjud, filwaqt li jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u li jiġu rispettati l-istandards eżistenti ta' protezzjoni;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju tal-UE jkun trasparenti, sempliċi u kosteffikaċi, waqt li dejjem jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent, tas-saħħa, l-impjegati u l-konsumaturi, inkluż id-dritt għal informazzjoni sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli, bħat-tfal u n-nisa tqal u li jreddgħu, u bl-appoġġ ta' sensibilizzazzjoni ġenerali tal-pubbliku dwar is-sustanzi kimiċi;

FILWAQT LI JENFASIZZA li politika sostenibbli tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għandha tibni fuq l-innovazzjoni, tirrispetta l-prinċipju ta' prekawżjoni u tipprovdi għal impjiegi u tkabbir sostenibbli; u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koerenza u l-konsistenza fil-qafas regolatorju sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi;

<sup>11</sup> Il-paragrafu 54(iv) tas-7 EAP.

<sup>12</sup> L-Artikolu 57(f) tar-Regolament REACH.

<sup>13</sup> Dokumenti 9079/15 - COM(2015) 215 final + ADD 1 + ADD 2.

1. JENFASIZZA l-importanza tar-rwol attiv tiegħu fil-proċess intersessjonali skont l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni internazzjonali tas-sustanzi kimiċi sabiex sal-2020 jiġi adottat qafas ambizzjuż biex tiġi żgurata l-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart lil hinn mill-2020; JINNOTA li l-ġestjoni effettiva u tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart teħtieġ kooperazzjoni innovattiva fost is-setturi rilevanti kollha bħalma huma l-ambjent, is-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-kummerċ, l-agrikoltura, l-ilma, il-ġestjoni tal-iskart u l-industrija; u JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żviluppata viżjoni fit-tul dwar ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart fil-ġejjieni li tkun marbuta b'mod ċar mal-Aġenda 2030 u d-Dokument ta' eżitu dwar "It-tisħiħ tal-Ġestjoni Tajba tas-Sustanzi Kimiċi u l-Iskart fuq Medda Twila ta' Żmien" inkorporat fir-riżoluzzjoni 1/5 tal-UNEA;
2. JILQA' l-inklużjoni, taħt l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, ta' verifika tal-idoneità tal-*acquis* tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi fil-forma ta' evalwazzjoni refit tar-REACH <sup>14</sup> u verifika tal-idoneità tal-leġislazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi minbarra r-REACH <sup>15</sup>, u JENFASIZZA l-importanza ta' din il-ħidma biex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli, biex jiġi żgurat approċċ koerenti u konsistenti fil-leġislazzjonijiet kollha u bħala kontribut biex tiġi stabbilita l-bażi fattwali għall-iżvilupp tal-istrateġija tal-UE għal ambjent mhux tossiku;
3. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, fl-evalwazzjoni refit tagħha tar-REACH, tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin: (1) il-konformità, il-kwalità, is-suffiċjenza u l-użabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tar-REACH; (2) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju tar-REACH; (3) il-proċeduri biex jitneħħa n-nuqqas ta' konformità tad-dossiers jew in-nuqqasijiet fid-data; u (4) l-istabbiltà tal-bażi finanzjarja għal attivitajiet rilevanti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) wara l-2018;

<sup>14</sup> [http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2017\\_env\\_005\\_reach\\_refit\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2017_env_005_reach_refit_en.pdf) (din l-evalwazzjoni hija r-rapport imsemmi fl-artikolu 117.4 tar-REACH).

<sup>15</sup> [http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015\\_grow\\_050\\_refit\\_chemicals\\_outside\\_reach\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015_grow_050_refit_chemicals_outside_reach_en.pdf).

4. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, fl-evalwazzjoni refit tagħha tar-REACH u fl-evalwazzjoni parallela tal-verifika tal-idoneità tal-leġislazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi minbarra r-REACH, tagħti attenzjoni partikolari lil:
- il-koerenza bejn ir-REACH u l-leġislazzjoni dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, inkluż il-metodoloġiji għat-twaqqif ta' konċentrazzjonijiet ta' limitu ta' protezzjoni fuq il-post tax-xogħol, u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju;
  - l-idoneità tal-qafas leġislattiv dwar is-sustanzi kimiċi biex (1) jiġu żgurati s-sikurezza ta' nanomaterjali manifatturati, il-minimizzazzjoni tal-esponiment għal interferenti endokrinali, approċċi regolatorji xierqa biex jindirizzaw l-effetti kombinati ta' sustanzi kimiċi u l-minimizzazzjoni tal-esponiment għal sustanzi kimiċi fi prodotti, eż. prodotti tessili, inkluż prodotti importati; (2) li tiġi mħeġġa l-innovazzjoni u s-sostituzzjoni inkluż alternattivi mhux kimiċi u li tiġi promossa l-kimika sostenibbli; u (3) li jiġi żgurat id-dritt tal-pubbliku għal informazzjoni biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati;
  - l-identifikazzjoni ta' possibbiltajiet biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-konformità, b'mod partikolari għall-SMEs, filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
5. JILQA' l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku għas-sustanzi kimiċi bħala parti mill-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari <sup>16</sup>inkluż l-analiżi u l-proponiment ta' għażliet dwar l-interfaċċa bejn is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-leġislazzjoni dwar l-iskart, inkluż dwar kif titnaqqas il-preżenza u jittejjeb it-traċċar tas-sustanzi kimiċi ta' tħassib fi prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u JINNOTA li din il-ħidma għandha tikkontribwixxi għall-istrateġija għal ambjent mhux tossiku;
6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tiżviluppa l-approċċ strateġiku għas-sustanzi kimiċi bħala parti mill-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari, tqis id-dispożizzjonijiet tas-7 EAP u tal-Aġenda 2030 biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku biex jiġi minimizzat l-effett negattiv tal-iskart kollu fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill <sup>17</sup> dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari l-paragrafi 11 u 17 tiegħu;

---

<sup>16</sup> Dokumenti 14972/15 - COM(2015) 614 finali + ADD 1.

<sup>17</sup> Dok. 10518/16.



7. JINNOTA l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta tagħha għal kriterji xjentifiċi għall-identifikazzjoni ta' Interferenti Endokrinali<sup>18</sup>; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tas-7 EAP<sup>19</sup> fl-iżvilupp ulterjuri ta' dawk il-kriterji sabiex il-bniedem u l-ambjent jiġu mħarsa aħjar mill-interferenti endokrinali; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex wara taġġorna kif xieraq l-istrateġija tal-UE tal-1999 dwar l-interferenti endokrinali<sup>20</sup>;
8. JILQA' t-tnedija tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Bijomonitoraġġ tal-Bniedem u tal-Pjattaforma ta' Informazzjoni għal Monitoraġġ tas-Sustanzi Kimiċi<sup>21</sup> bħala l-ewwel passi tajba lejn l-iżvilupp ta' bażi tal-għarfien komprensiva dwar l-esponiment għas-sustanzi kimiċi f'konformità mas-7 EAP<sup>22</sup>;
9. JINNOTA li minħabba t-tnaqqis fin-numru ta' dossiers SVHC, il-kisba tal-oġġettiv li s-SVHC rilevanti kollha jiġu elenkati fil-lista tal-kandidati tar-REACH sal-2020 hija fil-periklu, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw r-realizzazzjoni f'waqtha ta' dan l-oġġettiv;
10. JINNOTA bi tħassib li l-erba' miżuri orizzontali<sup>23</sup> li kellhom jitwettqu sal-2015 f'konformità mas-7 EAP ma ġewx imwettqa, u li l-Kummissjoni qiegħda tard fl-implimentazzjoni ta' diversi obbligi legali li għandhom l-għan li jtejjbu l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;
11. JITLOB lill-Kummissjoni biex sat-30 ta' Ġunju 2017 tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fit-twettiq tal-erba' miżuri orizzontali miftiehma fis-7 EAP u dispożizzjonijiet oħrajn li għadhom ma ġewx implimentati, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex il-konklużjonijiet rilevanti jkunu jistgħu jagħtu kontribut għall-istrateġija futura għal ambjent mhux tossiku;

---

<sup>18</sup> Dokumenti 10442/16 - COM(2016) 350 + ADD 1 sa ADD 17.

<sup>19</sup> Il-paragrafu 50, b'mod partikolari t-3 subparagrafu tiegħu, u l-paragrafu 54 tas-7 EAP.

<sup>20</sup> Dok. 5257/00 - COM(1999) 706 final.

<sup>21</sup> <https://ipchem.jrc.ec.europa.eu/RDSIdiscovery/ipchem/index.html> u dok. 9705/16 - SWD(2016) 188 final.

<sup>22</sup> Il-paragrafu 73(iv) tas-7 EAP.

<sup>23</sup> Il-paragrafu 54(iv) tas-7 EAP.

12. IQIS li sal-2018 għanda tiġi żviluppata strateġija għal ambjent mhux tossiku definita b'mod ċar, li tikkomplementa l-*acquis* dwar is-sustanzi kimiċi billi tiġi stabbilita l-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-għaxar snin wara l-2020 u li għalhekk tkun, flimkien mal-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis* tal-UE dwar il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, il-kontribut ewlieni tal-UE għall-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi għall-kisba tal-SDGs sal-2030 u l-implimentazzjoni tal-viżjoni 2050 tas-7 EAP;
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex sal-2018 tiżviluppa strateġija għal ambjent mhux tossiku f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tas-7 EAP u l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, filwaqt li tqis il-progress li sar fuq l-erba' miżuri orizzontali, in-nuqqasijiet, l-inkonsistenzi u l-ineffiċjenzi identifikati fl-evalwazzjoni refit tar-REACH u fil-verifika tal-idoneità tal-leġislazzjoni kollha tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi minbarra r-REACH, u filwaqt li tikkunsidra aktar miżuri, inkluż miżuri mhux regolatorji bħall-valutazzjoni ta' funzjoni fil-livell tal-UE biex jiġu appoġġati s-sostituzzjoni u l-iżvilupp ta' sostituti kimiċi u mhux kimiċi sostenibbli, għal tnaqqis ġenerali ta' esponiment għas-sustanzi kimiċi minn sorsi differenti, sabiex jiġi pprovdut livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.
-